MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## GABRIELLA VELLA

Seduta ta' l-20 ta' April, 2009

Talba Numru. 179/2008

**Mobisle Communications Limited (C-24655)**

**Vs**

**Henry Galea u b'Digriet tal-15 ta' April 2008 giet kjamata in kawza Malta Tourism Authority**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-Talba pprezentat mis-socjetà attrici fid-29 ta' Frar 2008 permezz ta' liema titlob il-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' mitejn u tlieta u disghin euro u disgha u sittin centezmu (€293.69) rapprezentanti bilanc ta' prezz lilha dovut mill-konvenut skond Client Contract Number 1002571 in rigward ghal servizzi lilu rezi fix-xhur ta' bejn Mejju 2005 u Jannar 2006. Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-11 ta' Jannar 2008 u tal-Mandat ta' Sekwestru pprezentat kontestwalment ma' l-Avviz tat-Talba, u bl-imghax legali sad-data ta' l-effettiv pagament, kontra l-konvenut.

Ra r-Risposta pprezentata mill-konvenut fil-15 ta’ April 2008 permezz ta’ liema eccepixxa li t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt, fid-dritt u fl-ekwità billi hu mhuwiex il-legittimu kontradittur tas-socjetà attrici u wisq inqas debitur taghha stante li ai termini tal-kuntratt ta’ servizz datat l-1 ta’ Ottubru 2004 il-klijent tas-socjetà attrici hija l-Malta Tourism Authority u mhux hu, u sa mid-data ta’ l-imsemmi kuntratt il-hlasijiet lis-socjetà attrici invarjabbilment saru mill-Malta Tourism Authority. Il-konvenut talab ghalhekk il-kjamata in kawza tal-Malta Tourism Authority.

B’Digriet datat 15 ta’ April 2008 dan it-Tribunal laqa’ t-talba tal-konvenut u giet kjamata in kawza l-Malta Tourism Authority. L-Awtorità ghalkemm debitament notifikata bl-Avviz tat-Talba baqghet kontumaci.

Ra x-xhieda li taw Kenneth Azzopardi prodott mis-socjetà attrici waqt is-seduta tat-2 ta’ Frar 2009, Carmel D’Amato prodott mill-konvenut waqt is-seduta ta’ l-10 ta’ Marzu 2009 u ta’ l-istess konvenut ukoll waqt is-seduta ta’ l-10 ta’ Marzu 2009.

Ra l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezebiti, inkluzi d-Dokument “KA” a fol. 18 tal-process u d-Dokument “HG1” ezebit mill-konvenut waqt is-seduta ta’ l-10 ta’ Marzu 2009.

Ra illi fis-seduta ta’ l-10 ta’ Marzu 2009 il-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkonsidra:**

**Fatti:**

Bl-azzjoni odjerna s-socjetà attrici titlob li l-konvenut jigi kkundannat ihallasha s-somma ta’ €293.69 rapprezentanti bilanc ta’ prezz lilha dovut mill-istess konvenut skond Client Contract Number 1002571 in rigward ghal servizzi lilu rezi fix-xhur ta’ bejn Mejju 2005 u Jannar 2006.

Il-kuntratt bin-Numru 1002571 gie ezebit bhala Dok. “KA”[1] minn Kenneth Azzopardi, Credit Controller mas-socjetà attrici, waqt is-seduta tat-2 ta’ Frar 2009.

Il-kuntratt in kwistjoni jgib id-data ta’ l-1 ta’ Ottubru 2004 u l-Malta Tourism Authority hija indikata bhala *Client/Company* filwaqt li l-isem u d-dettalji tal-konvenut jidhru indikati taht l-intestaturi *Billing Group* u *Subscriber name, address, telephone* u *ID Card No.*. Il-kuntratt gie ffirmat minn rapprezentant tas-socjetà attrici, mir-rapprezentant tal-Malta Tourism Authority u mill-konvenut.

Ix-xhud Kenneth Azzopardi spjega illi fiz-zmien in kwistjoni s-socjetà attrici kienet qed toffri s-servizzi taghha lill-Malta Tourism Authority b’rata tajba, liema rata setghet tigi uzufruwita mill-impjegati ta’ l-Awtorità dement li dawn jidhlu bhala utenti taghha taht il-kappa ta’ l-Awtorità.

Bhala fatt il-konvenut kien wiehed mill-impjegati tal-Malta Tourism Authority li fiz-zmien uzufruwixxa minn din ir-rata vantaggjuza u gie ffirmat il-kuntratt bin-Numru 1002571 datat l-1 ta’ Ottubru 2004 bejn is-socjetà attrici u l-Awtorità u l-konvenut.

Kenneth Azzopardi spjega illi *l-agreement partikulari gie ffirmat minn Henry Galea u kif ukoll mill-MTA billi waqghu taht il-kappa taghha però bhala billing group dejjem gie imnizzel Henry Galea u jiena nghid illi r-relazzjoni tas-socjetà attrici fir-rigward ta’ dan il-kuntratt dejjem kienet ma’ Henry Galea u ahna fil-fatt dejjem ikkomunikajna mieghu[2].*

In kontro-ezami dan ix-xhud spjega li ghalkemm huwa ma kienx prezenti waqt li gie ffirmat il-kuntratt in kwistjoni huwa jaf sew x’ihuma d-dettalji tieghu billi l-istess kuntratt qieghed fis-sistema tas-socjetà attrici.

Spjega wkoll li bhall-konvenut kien hemm impjegati ohra tal-Malta Tourism Authority li ukoll uzufruwew mir-rata

---

[1] Fol. 18 tal-process.
[2] Fol. 15 sa’ 16 tal-process.

vantaggjuza koncessa lill-Awtorità u huma dejjem hallsu sehemhom mill-hlasijiet dovuti. Huwa specifika li *meta nghid illi dawn hallsu sehemhom irrid infisser illi l-MTA kienet tidhol biex taghmel tajjeb ghal parti biss minn dan il-kont u allura l-bilanc li kien jifdal kien dovut personalment minn dawn l-individwi. Irrid nghid illi l-parti li thallas l-MTA ikun digà maqtugh mill-kont qabel ma jintbaghat lill-klijent partikolari u f'dan il-kaz lil Henry Galea*[3].

Bi spjegazzjoni ghalfejn il-kuntratt in kwistjoni gie ffirmat kemm mill-Malta Tourism Authority kif ukoll mill-konvenut, Kenneth Azzopardi qal *irrid niccara illi kieku ghalina kienet responsabbli l-MTA ghall-hlas tal-kont kollu, ahna ma kienx ikollna bzonn il-firma ta' Henry Galea. Nerga' nirrepeti illi ahna lill-MTA kellna bzonnha fuq dan il-kuntratt partikolari biex Henry Galea bhala impjegat ta' l-MTA seta' jibbenefika minn rata specjali li kienet tinghata f'dawn il-kazijiet*[4].

Il-konvenut jikkontendi li hu mhuwiex il-legittimu kontradittur tas-socjetà attrici ghaliex id-debitur hija l-Malta Tourism Authority u ghalhekk il-hlas pretiz huwa dovut minnha.

In sostenn tal-pretenzjonijiet tieghu l-konvenut ipproduca bhala xhud lil Carmel D'Amato illi sa Lulju 2004 kien ikopri l-kariga ta' Director Finance fil-Malta Tourism Authority u sa Dicembru 2005 kien ikopri l-kariga ta' Director fil-Malta Tourism Authority.

Carmel D'Amato xehed illi fiz-zmien il-Malta Tourism Authority kienet abbonata mal-Vodafone izda, f'certu zmien qalbet l-abbonament taghha mas-socjetà attrici. Meta l-Awtorità bdiet taghmel uzu mis-servizzi tas-socjetà attrici kien gie deciz illi jigu abbonati wkoll id-drivers u l-impjegati ta' l-istess Awtorità, liema abbonament sar permezz ta' kuntratt.

---

[3] Fol. 16 tal-process.
[4] Fol. 16 sa' 17 tal-process.

Huwa spjega li *il-ftehim kien illi l-MTA thallas il-kont kollu li jirrizulta fuq it-telephone moghti lid-driver jew lill-messaggier, jigifieri tkun l-MTA li thallas lill-GO imbaghad jekk l-MTA jidhrilha li kien hemm sitwazzjoni ta' overspending min-naha tad-driver jew il-messaggier, tkun hu illi ssolvi din il-kwistjoni direttament mad-driver jew il-messaggier ikkoncernat. Jiena nghid illi bejn l-impjegati u s-socjetà Go ma kien hemm ebda forma ta' relazzjoni. Jiena l-kuntratt tal-MTA mas-socjetà attrici nafhom fid-dettal ghaliex bhala Director Finance kont niehu hsiebhom jiena. Jiena nghid li hemm il-firem sia tar-rapprezentant ta' l-MTA kif ukoll tad-driver involut ghar-raguni li riedet tiddahhal sens ta' responsabbiltà f'dawn l-istess drivers u allura gieghlnihom jiffirmaw ukoll*[5].

Fir-rigward tal-kaz specifiku tal-konvenut jghid illi wara Dicembru 2005 kien kellmu l-istess konvenut dwar kwistjoni li kellu mas-socjetà attrici fis-sens illi din kienet qed tippretendi minghandu hlas ta' kont ta' madwar Lm100. Wara li ra l-kont in kwistjoni huwa ta parir lill-konvenut biex *b'cheque* personali tieghu jhallas parti mill-kont direttament lill-Malta Tourism Authority billi l-istess kien fih *element personali qawwi* ghaliex il-konvenut dak iz-zmien kien ghamel diversi telefonati internazzjonali ghal ragunijiet personali. Skond ma qallu l-konvenut, ghalkemm mar bic-cheque tal-hlas ta' parti mill-kont ghand il-Malta Tourism Authority certu Trevor Vella mill-Finance kien irrifjuta li jaccettah.

Ix-xhud qal illi *dak illi jiena sejjahtlu bhala personal element li jkun dovut bhala hlas mill-impjegat, jigifieri d-driver jew messaggier involut, dan il-hlas kien isir direttament lill-MTA u mhux lill-GO u l-MTA kienet tohrog ricevuta ta' dan il-hlas li tircievi. Nghid illi kemm domt hemmhekk jiena kaz wiehed kien hemm*[6].

Mill-gdid dwar ir-raguni ghaliex il-konvenut iffirma l-kuntratt meritu tal-kontestazzjoni, in kontro-ezami Carmel D'Amato xehed illi *r-raguni ezatta ghalfejn id-drivers u f'dan il-kaz partikolari Henry Galea kellu jiffirma l-kuntratt*

---

[5] Seduta ta' l-10 ta' Marzu 2009.
[6] Ibid.

*ma nafx x'inhi, però jiena nemmen illi din saret biex tiddahhal sens ta' responsabbiltà fl-istess driver apparti l-MTA. Fuq suggeriment illi fil-fatt jigu kemm l-MTA kif ukoll id-driver, f'dan il-kaz il-konvenut, responsabbli ghall-hlas tal-kont nghid illi ma nahsibx ghaliex bhala customer mhuwiex indikat il-konvenut. Jiena nikkonferma li l-hlasijiet lis-socjetà attrici ghat-telephones tad-drivers u l-impjegati l-ohra li kienu abbonati maghha kienu jsiru mill-MTA. Trevor Vella kien jigbor il-kontijiet kollha u kien jaghmel pagament wiehed ghal kulhadd; ma kienx joqghod ihallashom wiehed wiehed*[7]*.*

Il-konvenut xehed waqt is-seduta ta' l-10 ta' Marzu 2009 u filwaqt illi ikkonferma li fis-sena 2004 kien sar ftehim mas-socjetà attrici biex l-impjegati tal-Malta Tourism Authority, fosthom *messenger drivers* – il-kariga minnu okkupata fi hdan l-Awtorità dak iz-zmien – jinghataw *mobile phone* b'abbonament ma' l-istess socjetà attrici, xehed illi *personali ma kont inhallas lil hadd u ma kontx nircievi kontijiet. L-unika haga li kont nircievi kienet il-kopja tal-kont li kienet tohrog darba fix-xahar. Jiena ma nafx ezatt min kien ihallas però qed nassumi li l-hlas kien isir mill-MTA. Nerga' nghid illi jien ma kont inhallas xejn*.

Li gara kien illi kif spicca minn mal-Malta Tourism Authority ircieva kont minghand is-socjetà attrici ghall-valur ta' Lm126 li kien ikopri perjodu ta' zmien meta kien ghadu impjegat ma' l-Awtorità. Jidher li l-konvenut ghamel il-verifiki tieghu mas-socjetà attrici fl-ufficcju taghha l-Marsa u hemm gie infurmat li dak l-ammont kien dovut minnu u kellu jhallsu hu hekk kif kienu ghamlu nies ohra qablu.

Il-konvenut ma accettax li jhallas dan l-ammont u mar ghal parir ghand Carmel D'Amato. Ikkonferma li D'Amato qallu biex ihallas parti mill-kont direttament lill-Awtorità billi kien ghamel xi telefonati internazzjonali lit-tifla tieghu. L-ammont li tah il-parir ihallas kien ta' Lm65.69 izda, meta mar bil-hlas ghand l-Malta Tourism Authority dan ma giex

---

[7] Seduta ta' l-10 ta' Marzu 2009.

accettat u certu Trevor Vella qallu *jien ma jien qed niehu hlas minghand hadd*[8].

In kontro-ezami l-konvenut xehed *fuq suggeriment li qed isirli illi bil-kuntratt illi sar bejn l-MTA u s-socjetà attrici illi l-MTA kienet ser taghmel tajjeb sa' certu ammont, izda imbaghad ahna l-impjegati nhallsu s-surplus, jien nghid illi dan ma kienx minnu u lilna hadd ma spjegalna f'dan is-sens. Id-dettalji tieghi li jidhru fuq id-dokument ipprezentat a fol 18 u 19 tal-process, Dok. KA, huma fil-fatt id-dettalji tieghi. Jiena nghid illi talbuna biex niffirmaw ghaliex kienu qed igibu package ghall-impjegati u allura riedu d-dettalji taghna u l-firma taghna, izda nghid illi dan skond jiena m'ghamiltux biex isir il-hlas dovut minni. Jiena nirrikonoxxi li jista' jkun hemm parti mill-kont mahrug mis-socjetà attrici dovut minni u dan nerga' nghid huwa l-ammont ta' Lm65.69 li kienu calls personali, izda jiena tal-fehma li dan l-ammont se mai mhux dovut lis-socjetà attrici, izda dovut lill-MTA.*

**Konsiderazzjonijiet:**

Mill-provi prodotti johrog ferm car li l-kwistjoni centrali ta' l-azzjoni in ezami tittratta dwar minn min huwa dovut il-hlas tas-somma ta' €293.69 lis-socjetà attrici. Is-socjetà attrci tafferma li dana l-ammont huwa dovut lilha mill-konvenut filwaqt illi l-konvenut jippretendi li s-somma imsemmija hija dovuta lis-socjetà attrici mill-Malta Tourism Authority u mhux minnu.

Huwa jikkontendi li l-arrangament illi kien hemm bejn is-socjetà attrici u l-Malta Tourism Authority dwar l-abbonament ta' l-impjegati taghha ghas-servizz ta' *mobile phone* kien illi l-hlas tal-kont ghas-servizz tal-*mobile phone*, ikun kemm ikun l-ammont tal-kont, jsir kollu mill-Awtorità lis-socjetà attrici u jekk l-Awtorità jidhrilha li l-ammont imhallas ikun wiehed ezagerat iddur fuq l-impjegat in kwistjoni biex tigbor il-hlas, jew parti minnu, minghand dak l-impjegat.

---

[8] Seduta ta' l-10 ta' Marzu 2009.

Kif cirkostanzi kien ikun idejali kieku tressqu provi mill-Malta Tourism Authority kjamata in kawza izda, l-Awtorità baqghet kontumaci.

Il-kontumacja tal-Malta Tourism Authority però m'ghandhiex tittiehed bhala ammissjoni illi l-ammont mitlub mis-socjetà attrici huwa dovut minnha u mhux mill-konvenut u dana billi huwa principju guridiku stabbilit illi *l-kontumacja m'ghandhiex titqies bhala stqarrija jew ammissjoni min-naha ta' l-imharrek ghal dak li jkun qieghed jintalab jew jigi allegat kontrih mill-parti attrici: ghall-kuntrarju, il-kontumacja tqieset bhala kontestazzjoni, u l-bdil li sar fil-ligi procedurali fl-artikolu 158 bl-Att XXIV tal-1995 jidher li jtenni din il-fehma*[9].

In verità fil-kaz in ezami ghalkemm il-Malta Tourism Authority ma irrispondietx ghat-talbiet attrici u ma ressqitx provi in meritu, mix-xhieda li ta l-istess konvenut johrog ferm car li l-Awtorità tikkontesta l-pretenzjoni tieghu li l-hlas lis-socjetà attrici tas-somma ta' €293.69 huwa dovut minnha.

In effetti l-konvenut stqarr illi meta mar biex ihallas is-somma ta' Lm65.69 lill-Awtorità, rapprezentanti dik il-parti mill-hlas mitlub mis-socjetà attrici illi fil-fehema tieghu tkopri t-telefonati internazzjonali li ghamel ghal skopijiet personali, dan il-hlas gie rifjutat mill-istess Awtorità.

Ghalhekk, fic-cirkostanzi t-Tribunal jrid jevalwa sew il-provi prodotti quddiemu mis-socjetà attrici u mill-konvenut biex jara liema mill-pretenzjonijiet avanzati hija l-iktar verosimili u kredibbli.

Il-konvenut jaccetta illi fiz-zmien meta kien impjegat mal-Malta Tourism Authority kien sar abbonament mas-socjetà attrici ghal servizz ta' *mobile phone*. Huwa jikkontendi però li m'ghandu ebda relazzjoni guridika mas-socjetà attrici u kull hlas minnha pretiz ghandu jsir mill-Malta Tourism Authority u mhux minnu. Hu, se mai,

---

[9] Vide sentenza fl-ismijiet **Helen sive Nellie Miceli et v. Carmelo sive Charles Pisani Citaz. Nru. 1761/01** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Ottubru 2004.

ghandu biss jhallas lura parti minn dak l-ammont lill-Malta Tourism Authority li jidhrilha li jkun jirrapprezenta il-valur ta' telefonati minnu maghmula ghal ragunijiet personali.

L-konvenut jissosstanzja l-pretenzjoni tieghu bix-xhieda ta' Carmel D'Amato minnu prodott bhala l-persuna li taf sew id-dettalji tal-kuntratt in ezami ghaliex fiz-zmien in kwistjoni kien Director Finance mal-Malta Tourism Authority u kien jiehu hsieb dawn il-kuntratti[10].

Skond dan Carmel D'Amato l-arrangament bejn is-socjetà attrici u l-Malta Tourism Authority kien illi l-Awtorità thallas il-kont kollu relattiv ghall-uzu tal-*mobile phone* da parte tal-konvenut u imbaghad kemm-il darba jidhrilha li l-valur tal-kont ikun ezagerat hija tigbor lura minghand il-konvenut l-ammont li fil-fehma taghha jkun jikkostitwixxi *personal element.*

Huwa jaghti dana l-arrangament bhala l-isfond tar-raguni ghalfejn ta parir lill-konvenut biex ihallas parti mill-kont direttament lill-Malta Tourism Authority.

It-Tribunal però ma jhossx li ghandu joqghod fuq ix-xhieda ta' Carmel D'Amato bhala verzjoni korretta tal-fatti koncernanti l-kaz in ezami.

Ghalkemm jidher li Carmel D'Amato ghamel zmien ikopri l-kariga ta' Director Finance fi hdan il-Malta Tourism Authority, irrizulta mix-xhieda tieghu stess illi huwa kopra din il-kariga sa Lulju 2004. Wara Lulju 2004 huwa baqa' jahdem fi hdan l-Awtorità izda, kien ikopri kariga ohra.

Mill-atti processwali jirrizulta li l-kuntratt relattiv ghall-abbonament tal-konvenut mas-socjetà attrici gie iffirmat fl-**1 ta' Ottubru 2004** u ghalhekk fi zmien meta Carmel D'Amato ma kienx ghadu jkopri l-kariga ta' Director Finance fi hdan il-Malta Tourism Authority. Ladarba fiz-zmien meta gie iffirmat il-kuntratt in ezami Carmel D'Amato ma kienx ghadu jkopri l-kariga ta' Director

[10] Vide xhieda tal-konvenut.

Finance, huwa evidenti li hu ma kienx involut fin-negozjati u ffirmar ta' dan il-kuntratt.

Il-fatt li Carmel D'Amato ma kien bl-ebda mod involut fin-negozjar u ffirmar tal-kuntratt datat l-1 ta' Ottubru 2004 johrog ferm car mill-fatt li in kontro-ezami ma kienx kapaci jiggustifika ghalfejn il-konvenut intalab jiffirma l-kuntratt ukoll meta, skond hu r-relazzjoni guridika nascenti minn dak il-kuntratt kienet bejn is-socjetà attrici u l-Malta Tourism Authority.

Huwa xehed illi *r-raguni ezatta ghalfejn id-drivers u f'dan il-kaz partikolari Henry Galea kellu jiffirma l-kuntratt ma nafx x'inhi, però jiena nemmen illi dan saret biex tiddahhal sens ta' responsabbiltà fl-istess driver apparti l-MTA*[11]. Qal ukoll illi *fuq suggeriment illi fil-fatt jigu kemm l-MTA kif ukoll id-driver, f'dan il-kaz il-konvenut, responsabbli ghall-hlas tal-kont nghid illi ma nahsibx ghaliex bhala customer m'huwiex indikat il-konvenut*[12].

Minn din ix-xhieda johrog car li Carmel D'Amato jibbaza l-osservazzjonijiet tieghu fuq mera supposizzjonijiet u ghalhekk dak minnu dikjarat, partikolarment dwar ir-relazzjonijiet guridici nascenti mill-kuntratt in ezami, ma jistax jittiehed bhala prova valida tal-veriacità tal-pretenzjonijiet tal-konvenut.

It-Tribunal huwa tal-fehma li l-aqwa prova dwar in-natura tar-relazzjonijiet guridici nascenti mill-kuntratt in ezami huwa appuntu l-istess kuntratt.

Huma fatti inkontestati li fil-kuntratt ta' l-1 ta' Ottubru 2004 hemm indikati isem u d-dettalji tal-konvenut taht l-intestaturi *billing group* u *subscriber name, address, telephone, ID Card No* u *Date of Birth*, u li dak kuntratt gie ffirmat ukoll mill-konvenut.

M'ghandu jkun hemm ebda dubju illi firmatarju fuq kuntratt jassumi obbligi ben konkreti fil-konfront tal-firmatarji l-ohra u ghalhekk il-konvenut ma jistax illum jargumenta

---

[11] Seduta ta' l-10 ta' Marzu 2009.
[12] *Ibid.*

b'success li l-firma tieghu fil-kuntratt ta' l-1 ta' Ottubru 2004 ma holqot fih ebda obbligi fil-konfront tas-socjetà attrici.

L-obbligi tal-konvenut fil-konfront tas-socjetà attrici huma indubbjament dawk nascenti mill-posizzjoni tieghu bhala *subscriber* fuq l-kuntratt in ezami.

It-terminu *subscriber* iffisser *someone who subscribes to a product, service or organization*[13] u l-verb *subscribe* iffiser *to pay money to an organization in order to receive a product, use a service regularly or support the organization*[14].

Ghalhekk kontra dak pretiz mill-konvenut, l-obbligu tieghu fil-konfront tas-socjetà attrici huwa proprju dak li jhallas ghas-servizz ta' *mobile phone* lilu minnha provdut.

Jehtieg issa jigi ezaminat x'obbligu ghandha il-Malta Tourism Authority fil-konfront tas-socjetà attrici nascenti mill-fatt li l-Awtorità wkoll hija firmatarja fuq il-kuntratt in ezami.

Kenneth Azzopardi, Credit Controller tas-socjetà attrici, xehed illi l-impjegati tal-Malta Tourism Authority setghu jibbenefikaw mir-rata vantaggjuza li kellha l-istess Awtorità dement li jidhlu f'kuntratt maghhom taht il-kappa taghha. Huwa ghalhekk li fil-kuntratti ta' l-impjegati ta' l-Awtorità, fosthom il-kuntratt in ezami, l-Malta Tourism Authority giet indikata bhala *Client/Company* u l-kuntratt gie ffirmat mir-rapprezentant taghha wkoll.

L-arrangament bejn is-socjetà attrici u l-Malta Tourism Authority kien fis-sens li l-Awtorità thallas parti biss mill-kont relattiv ghas-servizz provdut lill-impjegat taghha u l-bilanc li jifdal ikun dovut personalment mill-istess impjegat, fil-kaz in ezami l-konvenut.

Il-parti li thallas l-Awtorità tkun già maqtugha mill-kont u ghalhekk l-ammont indikat fil-kont li jinbaghat lill-impjegat

[13] Cambridge Advanced Leaner's Dictionary.
[14] *Ibid.*

ikun kollu dovut mill-istess impjegat. Fil-kaz in ezami ghalhekk, skond kif xehed Kenneth Azzopardi, l-ammont mitlub ta' €293.69 huwa kollu dovut lis-socjetà attrici mill-konvenut.

It-Tribunal mill-gdid josserva li l-provi prodotti mill-konvenut mhumiex tali li sodisfacentement ixejnu l-verzjoni tal-fatti kif moghtija mis-socjetà attrici tramite x-xhud taghha Kenneth Azzopardi u ghalhekk, jirrizulta li l-ammont ta' €293.69 huwa bhala fatt dovut lis-socjetà attrici fl-intier tieghu mill-konvenut.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjoni tal-konvenut jilqa' t-talba tas-socjetà attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjetà attrici s-somma ta' mitejn u tlieta u disghin euro u disgha u sittin centezmu (€293.69) bl-imghax legali dekoribbli mill-11 ta' Jannar 2008 (id-data ta' l-ittra ufficjali) sad-data ta' l-effettiv pagament; bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 11 ta' Jannar 2008 u tal-Mandat ta' Sekwestru pprezentat kontestwalment ma' l-Avviz tat-Talba, kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------